

# SEJĦA GĦALL-OFFERTI FIR-RIGWARD TAL-AML

JUST/2018/JACC/PR/CRIM/018

L-Iżvilupp u l-Organizzazzjoni ta' Taħriġ għall-Avukati dwar Regoli fil-livell tal-UE li jirrigwardaw il-Ġlieda kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Iffinanzjar tat-Terroriżmu (AML-CTF)

## MANWAL GĦALL-ĦARRIEĠA

22 ta' Frar 2021

### Dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà



Din l-informazzjoni ġiet prodotta taħt kuntratt mal-Unjoni Ewropea (Numru ta' referenza: JUST/2018/JACC/PR/CRIM/018) u ma tirrappreżentax l-opinjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. La l-Kummissjoni u lanqas xi persuna oħra li taġixxi f'isem il-Kummissjoni ma tista' tinżamm responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li jkun fiha

# PUBBLIKATURI

---

**Il-Fondazzjoni Ewropea tal-Avukati**  
Fluwelen Burgwal 58 2511 CJ - The Hague  
The Netherlands  
+31 612 990 818  
[www.elf-fae.eu](http://www.elf-fae.eu)  
[info@elf-fae.eu](mailto:info@elf-fae.eu)

**Il-Kunsill tal-Għaqdiet Ewropej tal-Avukati**  
Rue Joseph II, 40 1000 - Brussels  
Belgium  
+32 2234 6510  
[www.ccbe.eu](http://www.ccbe.eu)  
[info@ccbe.eu](mailto:info@ccbe.eu)

Krediti tar-ritratti (paġna ta' quddiem)  
© Adobe Stock

# **WERREJ**

---

INTRODUZZJONI .....	4
KIF TUŻA DAN IL-MANWAL.....	5
TAĦRIĠ EFFETTIV .....	7
MATERJI PRIMI.....	9
STUDJI TAL-KAŻIJIET .....	10

# MANWAL GĦALL-ĦARRIEĠA

## INTRODUZZJONI

---

Dan il-manwal ta' taħriġ (il-manwal għall-ħarrieġa) tħejja għal dawk li jħarrġu lill-avukati dwar ir-regoli tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus (AML) u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu (CTF) fil-livell tal-UE. Hemm manwal korrispondenti li huwa disponibbli (il-manwal tal-utenti) għal dawk li jieħdu sehem bħala studenti fit-taħriġ.

Iż-żewġ manwali huma prodotti ta' kuntratt mogħti mill-Kummissjoni Ewropea lill-Fondazzjoni Ewropea tal-Avukati (ELF) u lill-Kunsill tal-Għaqdiet Ewropej tal-Avukati (CCBE) dwar l-“Iżvilupp ta’ organizzazzjoni ta’ taħriġ għall-avukati dwar ir-Regoli tal-Ġlieda Kontra l-ħasil tal-Flus (AML) u Kontra l-Finanzjament tat-Terroriżmu (CTF) fil-livell tal-UE” (Kuntratt ta’ servizzi JUST/2018/JACC/PR/CRIM/0185).

L-objettivi tal-Kummissjoni Ewropea għat-tqegħid ta’ dan il-kuntratt għall-offerti:

*“L-objettiv ġenerali tal-kuntratt huwa li jħarreġ, joħloq kuxjenza u jippromwovi t-tixrid tal-prinċipji u l-kunċetti ewlenin tar-regoli tal-UE dwar l-AML/CTF fost l-avukati. L-għan tal-kuntratt huwa li janalizza, jivaluta u jappoġġa l-ħtiġijiet tal-avukati billi jżid il-kuxjenza tagħhom dwar ir-rwol u l-obbligi tagħhom fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu skont id-Direttiva.*

*L-objettiv speċifiku huwa li l-programm ta’ taħriġ jilħaq l-akbar udjenza possibbli ta’ avukati madwar l-Unjoni. B’mod partikolari, l-attivitajiet ta’ taħriġ jistgħu jgħinu lill-avukati kkonċernati jwieġbu kif l-aħjar li jistgħu:*

- jaċċessaw u jifhmu l-obbligi rilevanti tal-AML/CTF; jirriflettu dwar il-modi kif l-avukati u d-ditti legali jistgħu jintużaw ħażin fil-kuntest tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu;
- jirriflettu dwar il-prattiki li l-avukati u d-ditti legali jistgħu jadottaw fil-ġuriżdizzjoni partikolari tagħhom u f'konformità mar-regoli rilevanti tal-avukati, biex jiżguraw li jinżammu l-ogħla standards etiċi tal-professjoni;
- jidentifikaw il-problema li tista’ tingħala fl-interpretazzjoni ta’ dispożizzjonijiet speċifiċi fid-dawl ta’ każżejjiet ipotetiċi u attwali u fid-dawl, b’mod partikolari, tal-kontinwitā tar-relażżjonijiet kummerċjali tagħhom mal-klijenti tagħhom u kunsiderazzjonijiet oħra.”

Qabel ma żviluppa l-manwali tat-taħriġ, il-konsorzu tas-sħab żviluppa valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta’ taħriġ (TNA) u strateġija ta’ taħriġ ibbażati fuq tweġġibet għal kwestjonarju li stħarrej dwar il-prattiki attwali ta’ kull Stat Membru fir-rigward tat-taħriġ dwar ir-regoli tal-AML/CTF fil-livell tal-UE għall-avukati. Il-kwestjonarju ġie kkompletat mis-27 avukat membru kollha tal-UE tas-CCBE, flimkien mar-Renju Unit.

Ta’ min ifakkar l-isfond għad-direttivi tal-AML/CTF minħabba li dawn jaffettwaw lill-avukati. Il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu jirrappreżentaw theddid serju għall-ħajja u għas-soċjetà, u

jirriżultaw fi vjolenza, jixprunaw aktar attivită kriminali, u jheddu l-pedamenti tal-istat tad-dritt. Minħabba r-rwol ta' avukat fis-soċjetà u l-obbligi u l-standards inerenti professjonal u obbligi u standards oħrajn, l-avukati, f'kull ħin, iridu jaġixxu b'integrità, jirrispettaw l-istat tad-dritt u joqogħdu attenti li ma jiffaċilitaw l-ebda attivită kriminali. Dan jirrikjedi li l-avukati jkunu konxji b'mod kostanti tat-theddida ta' kriminali li jfittxu li jużaw ħażin il-professjoni legali sabiex iwettqu attivitajiet ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu.

L-avukati u d-ditti legali jridu jiġguraw li jkunu konxji tal-obbligi tagħhom tal-AML/CTF u jikkonformaw magħħom, li jirriżultaw:

- (i) mill-etika essenzjali tal-professjoni legali, inkluż obbligu li ma tiġix appoġġata jew iffaċilitata l-attivită kriminali; u
- (ii) mir-rekwiżiti tad-dritt tal-UE.

L-avukati kollha tal-UE jridu jkunu konxji u kontinwament jedukaw lilhom infushom dwar l-obbligi legali u etiċi rilevanti li japplikaw, u dwar ir-riskji li huma rilevanti għall-qasam tal-prattika tagħhom u għall-klijenti tagħhom. Dan huwa b'mod partikolari minħabba li l-attivitajiet tal-AML/CTF mill-kriminali qed jevolvu b'mod rapidu u kostanti biex isiru aktar sofistikati. Il-koxjenza, il-viġilanza, ir-rikonoxximent tal-indikaturi ta' twissija u l-kawtela huma l-aħjar għodod ta' avukat fil-valutazzjoni ta' sitwazzjonijiet li jistgħu jwasslu għal tħassib dwar il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

L-għan ta' dan il-manwal huwa li jgħin lill-ħarrieġa li jipprovd taħriġ lill-avukati fil-qasam tal-AML/CTF biex jifhmu kif għandu jiġi organizzat tali taħriġ sabiex l-avukati jifhmu l-firxa sħiħa tal-obbligi legali u etiċi tagħhom, flimkien mal-vulnerabbiltà tagħhom għar-riskji.

## **KIF TUŻA DAN IL-MANWAL**

---

Dan il-manwal għall-ħarrieġa huwa akkumpanjat minn manwal għall-utenti, li huwa mmirat lejn dawk li jipparteċipaw fit-taħriġ.

Il-manwal għall-utenti jistabbilixxi l-qafas għar-regoli tal-AML/CTF fil-livell tal-UE f'ċertu dettall. Jenħtieġ li huwa jitqies bħala l-mudell bażiku għat-taħriġ tal-avukati dwar dawn ir-regoli. Madankollu, jenħtieġ li ma jitqiesx bħala pjan fiss li għandu jiġi segwit mingħajr dubju f'kull sessjoni, għar-raġuni ovja li s-sessjonijiet jistgħu jvarjaw skont il-fatturi li ġejjin:

- l-ġħarfien u l-esperjenza preċedenti tal-udjenza
- il-vulnerabbiltà tal-udjenza għal riskji speċifiċi tal-AML/CTF
- it-tul tal-kors (billi huwa possibbli li jiġi ddedikat aktar kontenut għal kull linja matul kors itwal)

jekk il-kors huwiex wieħed ġenerali li jkopri s-suġġett kollu jew jekk huwiex wieħed speċifikament iffukat fuq qasam wieħed biss tas-suġġett

Fi kliem ieħor, jenħtieġ li l-manwal għall-utenti jitqies bħala l-punt tat-tluq għas-sessjonijiet ta' taħriġ li jsegwu l-pjan tiegħu.

## **Riżultati tal-apprendiment**

Qabel ma tħejjew il-manwali għall-ħarrieġa u għall-utenti, saret analiżi tal-ħtiġijiet tat-taħriġ tal-avukati tal-UE, segwita minn valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' taħriġ (TNA). Jenħtieġ li t-TNA titqies ukoll meta tiħejja sessjoni ta' taħriġ, abbażi tal-kontenut tal-manwal għall-utenti. It-TNA tistabbilixxi riżultati tal-apprendiment f'termini ta' ħiliet, kompetenza u għarfien, u ntużat bħala l-bażi għal dan il-manwal għall-ħarrieġa.

Wieħed mir-riżultati tat-TNA kien li l-avukati jridu ħafna taħriġ li huwa prattiku, u li jiffoka fuq studji tal-każijiet u l-aħjar prattiki. It-taħriġ li huwa msejjes fuq ir-rekwiżiti u r-realtajiet ta' kuljum tal-prattika legali se jsib udjenza lesta. Kull sessjoni ta' taħriġ se tkun trid issib bilanċ bejn it-tagħlim meħtieġ tas-sustanza tar-regoli tal-AML/CTF minn naħħa, u eżempji li jagħmlu aktar konkreta għall-avukati prattikanti min-naħħa l-oħra.

Għalkemm il-manwal għall-utenti ma fih l-ebda studju tal-każ, il-ħarrieġa huma diretti lejn "[A lawyer's guide to detecting and preventing money laundering](#)", ippubblikata mis-CCBE, mill-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Avukatura (IBA) u mill-Assoċjazzjoni Amerikana tal-Avukatura (ABA) fl-2014, li l-paġni 39-46 tagħha jipprovd serje ta' studji tal-każijiet. Hemm aktar dwar dan hawn taħt, taħt it-taqṣima intitolata "Studji tal-każijiet".

Hemm ukoll listi twal ta' riskji kemm fil-pubblikazzjoni tas-CCBE-IBA-ABA msemmija hawn fuq, kif ukoll f'pubblikazzjoni utli oħra "[Guidance for a risk-based approach for legal professionals](#)", ippubblikata mit-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF) fl-2019. Dawn ir-riskji tradizzjonalment jinqasmu fi tliet oqsma:

- riskju tal-klijent
- riskju ta' tranżazzjoni
- riskju ġeografiku

L-Anness III tad-direttiva jipprovd lista mhux eżawrjenti ta' fatturi u tipi ta' evidenza ta' riskju potenzjalment oħla f'dawn it-tliet kategoriji, iżda ż-żewġ pubblikazzjonijiet diġà msemmija jagħtu eżempji estensivi ulterjuri fil-paġni 28-38 tal-pubblikazzjoni tas-CCBE-IBA-ABA, u l-paġni 27-43 tal-pubblikazzjoni tal-FATF. Dawn ir-riskji huma sorsi rikki kemm ta' studji tal-każijiet kif ukoll tal-aħjar prattiki li jistgħu jservu bħala eżempji prattiċi għall-avukati li jkunu qed jitħarrġu, u hawn taħt hawn aktar materjal dwar kif iż-żewġ pubblikazzjonijiet jistgħu jintużaw matul korsijiet ta' taħriġ taħt l-intestatura ta' "Studji tal-każijiet".

Fl-aħħar nett, it-TNA elenkat oqsma fejn il-maġġoranza tar-rispondenti tas-soċjetà tal-avukati u tal-liġi ħassew li l-avukati b'mod partikolari kellhom bżonn it-taħriġ. Dawn l-oqsma huma:

- (1) kemm l-avukati jistgħu jagħmlu tiftix biex isibu s-sors tal-fondi tal-klijenti
- (2) kif iwettqu valutazzjonijiet tar-riskju tal-AML/CTF tagħhom infushom jew bħala avukat jew

bħala ditta legali, flimkien ma' informazzjoni dwar ir-riskju tal-AML/CTF u l-vulnerabbiltajiet tas-settur legali

- (3) l-interazzjoni bejn ir-Regolament Ġeneralu dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (GDPR) u r-regoli tal-AML
- (4) informazzjoni dwar kif ditti iżgħar b'rīżorsi limitati jistgħu jissodisfaw b'mod effettiv l-obbligi tagħhom tal-AML/CTF
- (5) kif wieħed ikampa mal-fatt li hemm regoli differenti tal-AML/CTF fi Stati Membri differenti
- (6) elementi ta' għarfien tal-obbligu tar-reat sostantiv, tal-valutazzjonijiet tar-riskju u tar-rapportar (jiġifieri liema livell ta' għarfien huwa meħtieġ)
- (7) kif jiġu identifikati tipi differenti ta' klijenti, eż- individwi, tipi differenti ta' korporattivi, trusts, eċċ.
- (8) kwistjonijiet speċifiċi ta' sjeda beneficijarja
- (9) kemm l-avukati jistgħu jibbażaw fuq l-informazzjoni riċevuta minn entitajiet obbligati oħrajn

Għal darba oħra, l-intestaturi huma elenkti hawn biex jgħinu lill-ħarrieġa fit-ħejjija tal-korsijiet tagħhom. It-tweġibiet għal īnfra mill-mistoqsijiet ta' hawn fuq jinsabu fil-manwal għall-utenti taħt intestaturi xierqa. Jista' jkun hemm aspetti speċifiċi li huma aktar importanti f'ġuriżdizzjoni partikolari milli f'ġuriżdizzjoni oħra.

### ***Metodoloġija***

Kull kors ta' taħriġ se jeħtieġ il-metodoloġija tiegħu stess. Pereżempju, l-element tal-kors dwar il-liġi, li hija stabilita sew, jista' jeħtieġ metodu tradizzjonali ta' tagħlim, akkumpanjat minn slajds u noti. Iżda l-element prattiku, inklużi l-istudji tal-każijiet, jista' jiġi mgħallem aħjar f'workshops żgħar jew f'sessjonijiet ta' "break-out" mill-plenarja, flimkien mal-istabbiliment ta' eżerċizzji.

## **TAĦRIĠ EFFETTIV**

---

L-istess prinċipji ġenerali għal taħriġ tajjeb japplikaw għat-taħriġ tal-avukati fl-AML.

Madankollu, hemm ġerti prinċipji speċifiċi li jenħtieġ li jiġu kkunsidrati għal kors ta' taħriġ dwar l-AML, kif ġej:

- (1) L-avukati jistgħu jattendu kors b'livelli differenti ta' għarfien u aspettattivi. Huwa importanti mill-bidu li persuna tkun konxja ta' dak li digħi jaħfu l-partiċipanti. Pereżempju, xi avukati jistgħu jaħsbu li r-regoli tal-AML/CTF ma japplikaw xejn għalihom, u mbagħad jenħtieġ li jkun hemm enfasi fuq id-dettalji tal-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva. Oħrajn jista'

jkollhom ftit esperjenza tal-liġi kriminali, u għalhekk ikun utli li jsir enfasi fuq it-tip ta' atti kriminali li huma l-bażi ta' eżempji tal-AML/CF mill-ħajja reali. Għalhekk, valutazzjoni tal-livell ta' għarfien u koxjenza tal-parteċipanti fil-bidu hija importanti, forsi permezz ta' kwestjonarju formali jew sessjoni ta' malajr ta' mistoqsijiet u tweġibet orali fil-bidu, biex jiġi żgurat li t-taħriġ ikun rilevanti u effettiv

- (2) Huwa utli li jiġu mistiedna esperti esterni bħala kelliema għal avveniment ta' taħriġ dwar l-AML, biex tingħata perspettiva differenti. L-għażla ovvja hija li jiġi mistieden xi ħadd mill-unità nazzjonali tal-intelligence finanzjarja (UIF), li titratta r-rapporti ta' tranżazzjonijiet suspettużi, billi mbagħad din il-persuna tkun tista' tispjega t-tipi ta' każijiet li jiltaqqgħu magħħom. Huwa importanti li r-rappreżentanti tal-UIF jiġu mgħarrfa mhux biss biex iżommu ma' eżempji li japplikaw għall-avukati, iżda wkoll dwar ir-regoli speċifiċi tal-AML li japplikaw għall-avukati, sabiex il-preżentazzjoni tagħhom tkun rilevanti.
- (3) Il-leġiżlazzjoni tal-AML/CTF hija qasam tal-liġi fejn f'każ meta ma jiġux segwiti l-proċeduri korretti, dan il-każ jista' jinvolvi lill-avukat f'obbligazzjonijiet kriminali u f'obbligazzjonijiet oħrajn, għall-kuntrarju tal-biċċa l-kbira tal-oqsma l-oħra fil-prattika ta' avukat. Għalhekk huwa importanti li l-parteċipanti jitilqu mis-sessjoni b'idea ċara tal-importanza tar-regoli, u li jifhmu li jekk jonqsu milli jsegwuhom jistgħu jibqgħu esposti għall-obbligazzjonijiet u għat-telf tar-reputazzjoni (u potenzjalment l-għajxien, jekk il-kwistjoni tkun serja biżżejjed).
- (4) Kif huwa enfasizzat f'dan il-manwal, l-avukati jgħidu b'mod konsistenti li jitgħallmu l-aktar f'dan il-qasam meta jiffaċċjaw eżempji mill-ħajja reali. Għalhekk, jenħtieġ li l-kelliema kollha jintalbu jipprovdum kemm jista' jkun eżempji bħal dawn fil-preżentazzjoni jidu tagħhom, b'mod partikolari peress li l-fraż-żejt importanti fid-direttiva mhux dejjem ikunu evidenti fis-sens tagħhom. Jenħtieġ li jsir ħsieb ukoll biex tiġi ppjanata sessjoni speċjali ddedikata biss għal studju wieħed jew aktar tal-każ. Hawn taħt tingħata aktar gwida dwar dan fit-taqSIMA intitolata "Studji tal-każijiet". Barra minn hekk, jenħtieġ li l-mistoqsijiet mill-parteċipanti jiġu mħeġġa matul is-sessjoni kollha, flimkien ma' interazzjoni ġenerali bejn il-ħarrieġ(a) u l-parteċipanti.
- (5) Ta' spiss, it-taħriġ jitħejja minn dawk li jispeċjalizzaw fit-taħriġ li b'mod ġenerali jkopi ħafna suġġetti, peress li t-taħriġ tal-professjonisti huwa għarfien espert fi innifsu. Madankollu, it-taħriġ fl-AML/CTF huwa differenti mit-taħriġ f'suġġetti li jkopru li ġi purament sostantiva, minħabba li jkopi kemm il-liġi sostantiva kif ukoll il-proċeduri li jeħtieġ li jiġu inkorporati fil-ġestjoni tal-prattika. Barra minn hekk, in-nuqqas tal-konformità mar-regoli jista' jwassal għal penali serji kontra l-avukati nfushom, inkluża t-tnejħiha ta' avukat mill-elenku, f'każijiet serji, u b'hekk imur lil hinn mit-tip aktar komuni ta' każ ta' negliżenza, li jsegwi nuqqas fit-taħriġ f'suġġett sostantiv. Huwa importanti li t-taħriġ jitħejja b'kunsiderazzjoni ta' dawn l-elementi. Għaldaqstant, huwa rrakkmandat li ħarrieġ ġenerali jkollu espert fir-regoli tal-AML/CTF bħala pjanatur konġunt tal-programm ta' taħriġ, biex ikun żgur li s-suġġetti rilevanti jkunu koperti kif xieraq minn esperti xierqa.

## MATERJI PRIMI

---

Kif diġà sseemma', hemm gwidi utli li ġew ippubblikati fil-qasam tal-AML/CTF għall-avukati. Huma ntużaw fit-tħejjija tal-manwal għall-utenti, u ġew ukoll ikkwotati mit-taqsimiet preċedenti ta' dan il-manwal għall-ħarrieġa. Huma rrakkomandati għall-ħarrieġa biex jingħataw ideat addizzjonal.

Iż-żewġ gwidi prinċipali huma:

- (1) "[A lawyer's guide to detecting and preventing money laundering](#)", ippubblikata mis-CCBE, mill-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Avukatura (IBA) u mill-Assoċjazzjoni Amerikana tal-Avukatura (ABA) fl-2014
- (2) "[Guidance for a risk-based approach for legal professionals](#)", ippubblikata mit-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF) fl-2019

Madankollu, jenħtieġ li wieħed iżomm f'moħħu li dawn iż-żewġ gwidi ma ġewx ippubblikati bil-kunsiderazzjoni tal-qafas speċifiku tal-leġiżlazzjoni Ewropea attwali. L-udjenza intenzjonata tagħhom hija l-avukati madwar id-dinja kollha, u jittrattaw prinċipji essenzjali. Barra minn hekk, l-ewwel gwida issa għandha numru ta' snin, u għalhekk xi ċirkostanzi sottostanti setgħu nbidlu.

Apparti dan, il-Grupp ta' Affinità tas-Settur Legali ppubblika "[Anti-Money Laundering Guidance for the Legal Sector](#)" fir-Renju Unit fl-2020, waqt li r-Renju Unit kien għadu fil-perjodu tranżizzjoni qabel it-tluq tiegħu mill-UE. Din hija waħda minn għadd ta' gwidi maħruġa mill-avukati. Oħrajn fi ħdan l-UE jinkludu gwidi maħruġa mis-[Soċjetà tal-Liġi tal-Irlanda u l-Avukatura Olandiża](#).

Imbagħad, hemm deċiżjonijiet tal-qorti li jenħtieġ li jitqiesu. Iż-żewġ każijiet prinċipali fil-livell Ewropew huma ċitati fil-manwal għall-utenti, u deskritt fil-qosor. Is-sentenzi tagħhom huma essenzjali fil-qasam tal-impatt tad-direttiva, u r-regoli tal-AML/CTF b'mod ġenerali, fuq wieħed mill-valuri ewlenin tal-professjoni legali, is-segretezza professionali (li għandha ismijiet oħra bħal kunfidenzjalità u l-privileġġ professionali tal-avukati). Dan is-suġġett x'aktarx li jitqajjem fil-biċċa l-kbira tat-taħriġ għall-avukati dwar ir-regoli tal-AML/CTF, u għalhekk il-ħarrieġa huma rrakkomandati li jsiru familjari ma' dawn li ġejjin:

- [Ordre des barreaux francophones et germanophone and Others v Conseil des ministres](#), il-Kawża C-305/05
- [Michaud vs Franzia](#) (Applikazzjoni nru 12323/11)

Jenħtieġ li l-ħarrieġa jkunu konxji wkoll li l-manwal għall-utenti, u tabiħhaqq id-deċiżjonijiet imsemmija hawn fuq, jittrattaw l-AML/CTF fil-livell Ewropew. Billi d-direttiva se tkun ġiet implementata fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, jista' jkun hemm każijiet nazzjonali, li huwa importanti li l-ħarrieġ ikun jaf u jifhem ukoll.

Huwa importanti li l-avukati jkunu jafu l-formulazzjoni eżatta li tintuża kemm fil-verżjoni tad-direttiva fil-lingwa nazzjonali tagħhom, kif ukoll fil-leġiżlazzjoni ta' implementazzjoni nazzjonali u kif din tiġi interpretata b'mod ordinarju. Il-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-ġurisprudenza nazzjonali ma jistgħux jitbiegħdu mill-istandard tal-UE kollha stabbilit fid-direttiva, u jekk dan ikun il-każ, tipprevali d-

direttiva. Iżda, madankollu, it-tifsira tal-kliem tista' tkun xi ftit differenti bejn I-Istati Membri.

Fl-aħħar nett, jenħtieġ li l-ħarrieġa jżommu f'moħħhom il-kuntest u l-kontenut tal-valutazzjonijiet tar-riskju nazzjonali, peress li l-kundizzjonijiet sottostanti għar-riskji tal-ħasil tal-flus ivarjaw minn Stat Membru għal ieħor. L-FATF iżżomm [rekord tal-valutazzjonijiet tar-riskju nazzjonali](#).

## **STUDJI TAL-KAŻIJIET**

---

F'dan il-manwal għall-ħarrieġa kien hemm referenza ripetuta taż-żewġ gwidi eżistenti għar-responsabbiltajiet tal-avukati fir-rigward tal-AML/CTF. Dawn il-pubblikazzjonijiet jipprovdu eżempji prattiċi tal-vulnerabbiltajiet tal-professjoni legali għall-attivitā kriminali f'dan il-qasam. Ma humiex speċifikament immirati lejn ir-responsabbiltajiet skont il-leġiżlazzjoni Ewropea, iżda huma gwidi ġenerali maħsuba biex jintużaw minn avukati madwar id-din ja kollha. Jenħtieġ li dan jitqies meta jintuża l-materjal.

“A lawyer’s guide to detecting and preventing money laundering”, ippubblikata mis-CCBE, mill-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Avukatura (IBA) u mill-Assoċjazzjoni Amerikana tal-Avukatura (ABA) fl-2014 (minn hawn ’il quddiem imsejħa “I-ewwel gwida”) hija l-aktar utli għal dan il-manwal għall-ħarrieġa minħabba li fiha studji tal-każijiet mill-paġna 40, li jistgħu jintużaw f’sessjonijiet ta’ taħriġ. B’mod speċifiku, jistgħu jiġi enfasizzati soluzzjonijiet Ewropej meta jiġi diskuss il-materjal mal-parteċipanti.

Hemm firxa wiesgħa ta’ studji tal-każijiet ipprovduti. Kull wieħed għandu intestatura li taħħtha jaqa’ l-istudju tal-każ, segwit minn sett ta’ fatti tipiċi. Imbagħad hemm lista tal-indikaturi ta’ twissija li għandhom jallertaw lil kwalunkwe parteċipant, segwita minn soluzzjoni tat-tip “X’tista’ tagħmel?”.

Dan huwa eżempju tipiku:

**Tranżazzjonijiet ikkanċellati u trasfiment ta’ fondi mingħajr xogħol legali sottostanti**

*Ditta legali ġiet avviċinata minn klijenta ġidha bi struzzjonijiet biex tassisti f’għadd ta’ xiri ta’ assi. Il-klijenta kienet qiegħda tikkorrispondi ma’ avukat subaltern fid-ditta li, fuq talba tal-klijenta, pprovdilha d-dettalji tal-kont tad-ditta qabel ma lesta d-diliżenza dovuta tal-klijenta jew qabel ma ffirma ittra ta’ involviment magħha. Il-klijenta ma tat l-ebda struzzjoni ulterjuri wara d-depożitu tal-fondi. Sussegwentement, il-klijenta spjegat li ma kienx għadha beħsiebha tixtri l-assi rilevanti u talbet biex il-flus iddepożitati jiġi pprovduti lil parti terza, minflok ma jiġi rritornati fil-kont personali tagħha.*

**Indikaturi ta’ twissija:**

*Ladarba l-fondi ġew riċevuti fil-kont tal-klijent, it-tranżazzjoni ġiet ikkanċellata. Il-klijenta talbet li l-fondi ddepożitati jintbagħtu lil parti terza, minflok jiġi rritornati lilha. Il-klijenta qed tevita kuntatt personali mingħajr raġuni leġittima.*

**X’tista’ tagħmel?**

*Tippermettix lill-klijenti jiddepożitaw fondi fi klijent sakemm twettaq id-diliżenza dovuta tal-klijent, tistabbilixxi l-ġhan tat-tranżazzjoni u tkun issodisfat li ma hemm l-ebda riskju ta’ ūnhas.*

*tal-flus marbut mal-fondi. Inkella, tibgħatx il-fondi lill-parti terza iżda minflok irritornahom lis-sors oriġinali.*

Iż-żewġ gwida, jiġifieri l-ewwel gwida ta' hawn fuq li minnha ttieħed l-istudju tal-każ, u t-tieni gwida, "Guidance for a risk-based approach for legal professionals", ippubblikata mit-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja fl-2019 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "t-tieni gwida"), għandhom listi ta' indikaturi ta' twissija li jenfasizzaw b'mod prattiku l-vulnerabbiltajiet tal-professjoni legali.

Għalhekk, din hija lista tipika ta' indikaturi ta' twissija mill-ewwel gwida, mill-Kapitolu IV tagħha li jittratta speċifikament l-indikaturi ta' twissija (hemm ħafna minnhom mogħtija):

**Mezz ta' pagament**

- *L-assi jinxтарa bi flus kontanti u mbagħad jintuża malajr bħala kollateral għal self.*

*Ma jkun hemm l-ebda spjegazzjoni leġittima:*

- *għal perjodu stabbilit ta' ħlas lura iqsar mis-soltu;*
- *għal self li jitħallas lura ripetutament b'mod sinifikanti qabel id-data ta' maturità miftiehma inizjalment; jew*
- *għal finanzjament ipprovdut minn sellieħ, li jkun jew persuna fīzika jew persuna ġuridika, għajnej istituzzjoni ta' kreditu.*

Fit-tieni gwida, hemm anness (I-Anness 5) iddedikat għal "Eżempji ta' indikaturi ta' twissija li jenfasizzaw attivitajiet jew tranżazzjonijiet suspettużi għal professjonisti legali", li minnu ttieħdu dawn l-eżempji:

- I) *Il-kollateral li jkun qiegħed jiġi pprovdut għat-tranżazzjoni jkun jinsab f'pajjiż b'riskju għoli.*
- m) *Kien hemm żieda sinifikanti fil-kapital għal kumpanija inkorporata reċentement jew kontribuzzonijiet suċċessivi fuq perjodu qasir ta' żmien lill-istess kumpanija, mingħajr spjegazzjoni loġika.*
- n) *Kien hemm żieda fil-kapital minn pajjiż barrani, li jew ma għandu l-ebda relazzjoni mal-kumpanija jew li huwa ta' riskju għoli.*
- o) *Il-kumpanija tirċievi injezzjoni ta' kapital jew ta' assi in natura li tkun eċċessivament għolja meta mqabbla man-negożju, mad-daqs jew mal-valur tas-suq tal-kumpanija li twettaq, mingħajr spjegazzjoni loġika.*

Dawn l-eżempji ġew ipprovduti minħabba li juru li, anke jekk ħarrieġ ma jużax wieħed mill-istudji tal-każżejjiet mill-ewwel gwida, iż-żewġ gwida jagħtu indikaturi ta' twissija prattiċi li minnhom jistgħu jinbnew faċilment studji oħra tal-każżejjiet. Kif jissemma' fuq, l-evidenza hija li aktar ma jkun prattiku t-taħbi, aktar ikun faċċli li dan jiġi assorbit mill-parteċipanti.